MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2011

Numru. 136/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**George Guda Taddew Farrugia, bin Anthony u Josephine nee' Calleja imwieled fl-24 ta' Ottubru 1951 u residenti fil-fond 48, Pjazza San Frangisk, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 69551(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi George Guda Taddew Farrugia li gie akkuzat:
(a) talli fil-jiem ta' qabel il-hmistax (15) ta' Settembru 2010 bla hsieb li jaghmel hsara kontra il-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu fixkel lil Saviour u

Gloria konjugi Farrugia fil-pussess ta’ hwejjighom billi ghadda diversi wires minn fuq ic-cinta tal-proprjeta tal-konjugi Farrugia f’numru 49, Pjazza San Frangisk, Rabat, Ghawdex u anke bajjad hajt fuq in-naha tal-proprjeta ta’l-istess konjugi Farrugia bi ksur ta’l-Artikolu 85 tal-Kap9.

(b) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr il-hsieb li jaghmel att li jikkostitwixxi reat iehor, huwa personalment jew inkella ippermetta lil terzi persuni li jidhlu f’dar je wlok iehor jew f’recint b’wiehed mill-mezzi stabbiliti fl-artikoli 264, 265 u 266 tal-Kapitolu 9, u dana billi inqabez netting li qieghed jifred il-proprjeta’ tal-kwerelanti minn dik ta’l-imputat bi ksur ta’l-artikolu 330 tal-Kapitolu 9

(c) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanza huwa personalment jew inkella ippermetta lil terzi persuni li jaghmlu vjolazzjoni kontra il-proprjeta’ ta’ haddiehor bi ksur ta’l-artikolu 340(d) tal-Kapitolu 9.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-uniku xhud li xehed f’dawn il-proceduri huwa l-parti leza Saviour Farrugia. L-imputat ghazel li ma jixhidx u lanqas ipproduca xhieda in difesa. Illi Farrugia jsostni illi l-imputat ghadda wires tad-dawl minn fuq il-balavostri tal-bejt tieghu tul il-faccata kollha kif jidher fir-ritratt esebit bhala Dokument SF1. Inoltre jikkontendi illi l-imputat jew xi nies imqabbda minnu accedew fuq il-bejt tieghu sabiex jaghmlu xi xogholijiet necessarji ghall-proprjeta tal-imputat. Dana x-xoghol ta’ zebgha u tikhil jidher fir-ritratt esebit bhala Dokument SF2. Farrugia jsostni illi huwa kien gab persuna impjegata mal-Enemalta Corporation sabiex jara jekk il-wires li kien ghaddejjin tul il-faccata tieghu kinux taghhom izda dawn wiegbu fin-negattiv. Ghaldaqstant peress illi huwa nnota illi dawn il-wires kienu hergin mill-proprjeta tal-imputat li tinsab fuq ix-xellug tieghu u dehlin fil-proprjeta tal-imputat li tinsab fuq il-lemin

tieghu, allura kkonkluda illi kien l-imputat li ghamel dawn ix-xogholijiet. Farrugia jsostni illi z-zewg proprjetajiet li jinsabu fuq kull naha tal-proprjeta tieghu jappartjenu lill-imputat ghalkemm f'xi parti minn wahda minnhom ighix ibnu.

Illi l-Qorti mal-ewwel tistqarr illi jekk hija kellha tilqa' t-tezi tal-parte civile tkun allura qed tibbaza s-sentenza taghha fuq spekulazzjoni u xejn izjed. Dana ghaliex Farrugia qatt ma ra l-persuna jew persuni jaghmlu x-xogholijiet li jilmenta dwarhom. Farrugia fl-ebda hin ma jghid li ra lill-imputat jaghmel dawn ix-xogholijiet. Fl-ebda hin ma jidher illi ra lill-imputat flimkien ma' xi haddiema jindikalhom x'iridu jaghmlu. Farrugia lanqas iressaq l-icken prova dwar min hu l-proprjetarju tal-fondi adjacenti mieghu. Lanqas biss iressaq provi dwar jekk l-imputat juzax jew ighix f'dawn il-proprjetajiet. Hu semplicement ighid illi dawn il-postijiet huma tal-imputat, Isemmi li xi parti minnhom hija xi klinika u jghid illi iben l-imputat jokkupa xi parti minn dawn il-proprjetajiet. Kwindi ghalkemm il-Qorti tista' tispekula dwar min seta' ghamel dawn ix-xogholijiet, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti.  Illi l-provi li hemm fl-atti ghalhekk ma humiex sufficjenti ghal sejbien ta' htija, provi li fil-kamp penali jridu jindikaw lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni l-htija tal-imputat. Illi fil-fehma tal-Qorti l-provi f'dina l-kawza m'humiex sufficjenti sabiex iwasslu ghal sejbien ta' htija fil-konfront tal-imputat.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali l-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------